



Brussell, 11 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16527/23

AGRI 809
AGRIFIN 157
FIN 1270

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' Diċembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15945/23	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 19/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija – Standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

ir-Rapport Speċjali Nru 19/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "*L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija – Standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat*",

approvati mill-Kunsill fit-3995 laqgħa tiegħu li saret fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali 19/2023 tagħha bit-titlu:

"L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija – Standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali 19/2023 tal-Qorti bit-titolu *"L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija – Standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat"*, li jivvaluta jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri għamlux użu effettiv mill-miżuri tal-PAK 2014-2022 għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola u d-demel u jekk l-azzjonijiet rilevanti għall-ġestjoni tad-demel meħuda fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati kinux effettivi;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tirrevedi u tirrapporta dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-istandards u tivvaluta r-riżultati tal-implimentazzjoni tagħhom, biex tirrapporta dwar l-immirar tal-miżuri volontarji tal-PAK fuq l-aktar problemi urġenti tal-ħamrija lokali, biex tillimita l-użu ta' derogi u tirrevedi objettivi konfliġġenti f'oqsma oħra ta' politika u biex ittejjeb id-data konsolidata fil-livell tal-UE, li l-Kummissjoni taċċetta;
3. JINNOTA li l-preservazzjoni tal-ħamrija qed issir aktar importanti fil-perjodu l-ġdid tal-PAK 2023-2027, b'mod partikolari permezz ta' kundizzjonalità msaħħa, ekoskemi ġodda taħt l-ewwel pilastru u miżuri volontarji taħt it-tieni pilastru;
4. JAQBEL dwar l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar in-Nitrati u l-kisba tal-objettiv tagħha fil-pajjiżi kollha tal-UE, inkluż fl-Istati Membri li ngħataw derogi ġustifikati minħabba l-ispeċifità tagħhom;
5. JIRRIKONOXXI l-kontribut importanti tad-Direttiva dwar in-Nitrati fit-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti mill-agrikoltura u, f'dan il-kuntest, JIEĦU NOTA tal-Mira tal-Patt Ekoloġiku li jitnaqqas it-telf tan-nutrijenti b'50 % sal-2030;

6. JINNOTA l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni biex tindirizza l-lakuni fid-data u biex ittejjeb il-kwalità tad-data miġbura u/jew offruta b'mod volontarju mill-Istati Membri għall-perjodu 2020-2023 u sakemm il-ġbir tad-data dwar il-bilanċi gross tan-nutrijenti jsir obbligatorju fl-2026.
-